MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 215/2008

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Manufacture Des Montres Rolex SA**

**vs**

**Dr. Mark Busutill LL.D. u P.L. Veronica Rossignaud nominati b'digriet tas-17 ta' Marzu 2008 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta esportatrici NORTHSEA TRADING CO. LTD u lill-kunsinjatarju STUMAR P/C ETS H B A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-Avv. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Manufacture des Montres Rolex SA fejn issottometta :

Illi s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tad-dritt registrat l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta (Dok MMR1)

msejjah ROLEX, liema dritt gie registrat f'Malta l-ewwel darba fis-17 ta' Frar 1970, moghti n-numru ta' registrazzjoni 10367, liema dritt kien gie mgedded kif tirrikjedi l-Ligi, l-ahhar darba fis-17 ta' Frar 1998;

Illi fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) r-rikorrenti nomine gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INKU 2495739 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM JASMIN liema *container* kien fih total ta' mitejn u hamsa u erbghin (245) arlogg (Dok MMR2) kollha bil-marka 'ROLEX', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-arloggi hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kelma ROLEX u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Manufacture des Montres Rolex SA, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intelletwali ta' Manufacture des Montres Rolex SA (Dok MMR3);

Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta (Dok MMR4);

Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa STUMAR P/C ETS H B A minn RADES, Tunesija, dan skond dak citat fil-polza ta' taghbija numru SZ1394105 (Dok MMR5);

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artiklu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit

rilevanti ta’ l-artikli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta’ l-istess Kap 414;

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’arloggi li fuqhom hemm is-sinjal ROLEX, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INKU 2495739 kontenenti l-imsemmija arloggi, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha ROLEX moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 10367 (Dok MMR1);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali arloggi ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-arloggi, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta’ l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija arloggi ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess arloggi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi noe;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati kuraturi a fol 40;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet l-Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-dokumenti prodotti mar-rikors guramentat;
Dok MMR1 Kopja tac-certifikati tal-proprjeta` tal-marka ROLEX Reg. No. 10367;
Dok MMR2 Kopja ta' l-*email* mibghuta mill-Kontrollur tad-Dwana fejn jispecifika l-ammonti maqbuda datata 4 ta' Frar 2008;
Dok MMR3 Kopja originali ta' l-ezamijiet li saru minn Malcolm Lowell u rapport tieghu datat 20 ta' Frar 2008;
Dok MMR4 Kopja ta' l-*email* mibghuta lill-Kontrollur tad-Dwana datata 12 ta' Frar 2008;
Dok MMR5 Kopja tal-polza tat-tghabija numru SZ1394105;
Affidavit ta' Dottor Peter Fenech a fol 35;
Affidavit ta' George Agius Ufficjal tad-Dwana responsabbili ghall-qbid u detenzjoni tal-*container* u l-merkanzija suspettuza a fol 36;

**Tikkunsidra**

Illi mill provi prodotti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati u dawn b'ebda mod ma gew kontradetti jew kontestati.

L-azzjoni tar-rikorrent noe hi bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

Illi in vista tal provi prodotti tiddeciedi:

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent,
Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata,
l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu provisorjament mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------